**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**Vs**

**Raymond Callus**

**Illum 18 ta' Frar 2002.**

**Il-Qorti;**

**Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Callus ta' 39 sena, data tat-twelid 26 ta' Awissu 1962 iben Carmelo u Frances nee' Busuttil, imwieled Rahal Gdid, u joqghod Blk. 3, Flat 8, Garden Drive, Sta. Lucia, prezentament detenut il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, bin-numru tal-karta tal-identita' 544062 M;**

**Talli fl-Isla, nhar il-5 ta' Dicembru 1995 wara nofs in-nhar, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' flus kontanti u hwejjeg li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) mill-hanut maghruf bhal 'Chic' Boutique li jinsab sitwat gewwa Triq il-Vitorja, l-Isla u dan ghad-dannu ta' Jason Bonavia mill-L-Isla, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u lok.**

**Aktar talli f'Malta, data, hin u cirkostanzi f'Isla u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.**

**U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe' hsarat fl-aperturi tal-postijiet imsemmijin, liema hsarat jiskorru l-hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u dan ghad-dannu ta' Jason Bonavia, mill-Isla.**

**U fl-ahhar ukoll talli, jinsab ricediv b'diversi sentenzi li huma definittivi bid-dati tal-21 ta' Jannar 1987 Awla A, 22 ta' Novembru 1988 Awla G, 19 ta' Mejju 1989 Awla H, 29 ta' Settembru 1989 Awla A, 26 ta' Settembru 1989 Awla I, 18 ta' April 1990 Awla B, 3 ta' Lulju 1990 Awla J, 20 ta' Frar 1991 Awla G, 17 ta' Gunju 1992 Awla K, 22 ta' Lulju 1993 Awla I, 10 ta' Ottubru 1994 Awla 9, 26 ta' Ottubru 1994 Awla 2, u 9 ta' Marzu 1995 Awla 9.**

**Wara illi semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;**

**Wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;**

**Wara illi rat l-Artikoli 261 et seq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-imputazzjonijiet migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, jinsabu ampjament provati, nonostante l-istqarrija negattiva tal-istess imputat, l-impronti digitali huma prova certa tar-reita' tal-imputat.**

**Il-Qorti ma' tistax taccetta l-argument mghoti mid-difiza illi l-impronti digitali mhumix ortomatici. L-impronti digitali huma dawk illi huma u l-ezami komparattiv huwa sodisfacenti ghal din il-Qorti.**

**L-anqas din il-Qorti ma' tista' taccetta l-argument illi x-xhieda ta' PC 102 u dik ta' Bongailas u x-xhieda tal-pulizija a fol 102 et seq, tohloq dubbji; ir-riperti ezebeti mill-istess Prosekuzzjoni, huma konvincenti.**

**Fir-rigward tal-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat il-kopja tal-pre sentencing report maghmul mill-Probation Officer Carmen Nygaard, temmen illi izzid mal-perjodu ta' prigunerija ta' l-imputat, ma' jkunx ghall-beneficcju tal-istess imputat.**

**Ghaldaqstant, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammont involut f'dan is-serq, qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, stante illi ma' tistax issibu hati ta' ricettazzjoni u serq fl-istess hin, tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, u dan ghall-ahjar agevolament ta' l-istess imputat, li fadallu almenu disa' (9) snin ohra il-habs.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.**

**MAGISTRAT.**